MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tal-15 ta' Settembru, 2010

Appell Kriminali Numru. 93/2010

**Il-Pulizija**

**v.**

**Anthony Tanti**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Anthony Tanti talli:

(1) f'dawn il-Gzejjer, f'Lulju 2005 u fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghandu ghal bejgh jew importa ghal hsieb ta' kummerc merkanzija b'marka, sinjal jew emblema imxebbhin b'qerq u cioe` hdax-il elf prodott tal-marka MK;

(2) fl-istess perijodu u cirkostanzi, ghal qliegh, jew ghal skop ta’ kummerc, stampa, immanifattura, idduplika, jew mod iehor irriproduca jew ikkopja jew biegh, qassam, jew mod iehor offra ghall-bejgh jew biex jitqassam, xi artikolu jew xi haga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet tal-awtur li jkollha persuna ohra u protetti bil-ligi ta’ Malta jew tahtha;

(3) fl-istess perijodu u cirkostanzi, bil-ghan li jiehu vantagg ghalih nnifsu jew ghal persuna ohra, jew bil-hsieb li jikkaguna telf lil xi persuna ohra, u minghajr il-kunsens tal-proprjetarju, biegh jew kera, offra jew espona ghall-bejgh jew kiri jew qassam oggetti li kellhom fuqhom jew li l-ippakkettjar taghhom kellu fuqu, sinjal identiku ghal, jew li x’aktarx jithawwad ma’, trade mark registrata;

(4) b’hekk sar recidiv ai termini tal-artikolu 49 *et seq.* tal-Kodici Kriminali b’sentenza moghtija tal-Qorti tal-Magistrati fit-3 ta’ Frar 2005, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex fil-kaz ta’ htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-ligi, tordna wkoll il-konfiska tal-oggetti kollha esebiti, kif ukoll sabiex tikkundanna lill-imsemmi Anthony Tanti ghall-hlas ta’ spejjez li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-2 ta’ Marzu 2010 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli 18, 298(1)(f), 298B, 49, 50 u 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-artikolu 72(1)(b) tal-Kap. 416 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-imsemmi Anthony Tanti hati ta’ l-imputazzjonijiet dedotti u kkundannatu ghall-hlas ta’ multa ta’ elf mija u sittax-il euro (€1116), filwaqt illi ddikjaratu mhux hati ta’ l-addebitu ta’ recidiva. Inoltre kkundannatu jhallas l-ispejejz ta’ l-espert Martin Bajada ammontanti ghal tliet mija u tletin euro u tlieta u hamsin centezmu (€330.53) fi zmien sitt xhur mid-data tas-sentenza appellata u, fin-nuqqas li jhallas dan l-ammont,l-istess jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta’

gurnata habs [*recte:* prigunerija] ghal kull hdax-il euro u hamsa u sittin centezmu dovuti (€11.65). Finalment ordnat id-distruzzjoni tad-Dok. KA135/06 u KA297/07 mill-Ispettur Angelo Gafa` fil-presenza tar-Registratur tal-Qorti li ghandu jirredici process verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema document ghandu jigi nserit fl-atti tal-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il gurnata mid-data ta' l-istess sentenza;

Rat ir-rikors ta' appell tal-Avukat Generali pprezentat fid-9 ta' Marzu 2010 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma s-sejbien ta' htija, u wara li tiddikjara li l-appellat hu recidiv, timponi piena karcerarja flok il-multa u tinfliggi l-piena skond il-ligi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta' l-appellant Avukat Generali huma li l-ewwel Qorti ma setghetx timponi l-piena tal-multa peress illi l-artikolu 298(1)(d) tal-Kodici Kriminali jippreskrivi l-piena ta' prigunerija biss. Inoltre jsostni li l-ewwel Qorti ma kinitx gustifikata li tiskarta r-recidiva semplicement ghax l-Ispettur ma setax jikkonferma l-identita` meta d-dettalji fis-sentenza kienu cari, inkluz in-numru tal-karta ta' l-identita`.

Wahda mill-imputazzjonijiet li taghha l-appellant instab hati hija dik bi ksur ta' l-artikolu 298(1)(f) tal-Kodici Kriminali, mhux 298(1)(d) kif erronejament, minhabba *lapsus computeris* ovvju, jghid l-Avukat Generali fir-rikors ta' appell tieghu. Issa, l-piena ghal min jikser l-artikolu 298(1)(f) imsemmi (kif ukoll fi kwalunkwe kaz l-artikolu 298(1)(d)) hija ta' prigunerija minn erba' xhur sa sena. L-ewwel Qorti mponiet il-piena tal-multa minghajr referenza ghall-artikolu 21 tal-Kodici Kriminali li jippermetti li l-Qorti taghti piena izghar fejn jezistu "ragunijiet specjali u straordinarji" li jridu jissemmew mill-Qorti. Hawn ma jezistux tali ragunijiet. Konsegwentement l-Avukat

Generali ghandu ragun jilmenta mix-xorta tal-piena erogata mill-ewwel Qorti.

L-appellant pero` jsostni wkoll illi l-ewwel Qorti ma kellhiex tillibera lill-appellant mill-addebitu ta' recidiva. Issa, bhalma korrettement jghid l-appellant, il-partikolaritajiet fis-sentenza Dok. AG6 a fol. 45 tal-process huma identici ghal dawk ta' l-appellant kif rizultanti fl-akkuza a fol. 1 tal-process. Din is-sentenza, pero`, giet murija lill-Ispettur Alex Miruzzi fis-seduta quddiem l-ewwel Qorti ta' l-14 ta' Gunju 2006. L-Ispettur Miruzzi xehed hekk: "Nghid li f'dik is-sentenza jiena kont ufficjal prosekutur u investigatur u nghid li jiena ma naghrafx lill-imputat odjern bhala l-persuna kontra min inghatat din is-sentenza." Mela jekk ma nghatatx kontra l-appellant, kontra min inghatat? It-*turn of phrase* uzat mill-Ispettur Miruzzi jidher li jissinjifika illi s-sentenza esebita ma nghatatx fil-konfront tal-persuna ta' l-appellant. Ghalhekk l-ewwel Qorti kellha ragun li ma ssibx lill-appellant hati ta' l-addebitu tar-recidiva.

Kwantu ghall-piena, l-ewwel Qorti kienet ikkunsidrat illi l-appellant mhuwiex ta' kondotta refrattarja u illi kien ikkoopera mal-prosekuzzjoni fl-investigazzjoni taghha. Dawn il-konsiderazzjonijiet ghadhom validi – difatti mill-fedina penali aggornata tieghu lanqas ma jirrizultaw kundanni minn meta tressaq in konnessjoni ma' dan il-kaz f'Awissu 2006. Difatti l-appellant jista' jitqies bhala *a first time offender*. B'hekk din il-Qorti hi tal-fehma li l-piena ta' prigunerija, anke minhabba l-effett deterrent li jista' jkollha f'dan il-kaz, ghandha tigi sospiza.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-appellant ghall-hlas ta' multa ta' elf mija u sittax-il euro (€1,116) u minflok tikkundannah ghall-piena ta' prigunerija ta' sena, liema sentenza m'ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perijodu ta' erba' snin millum huwa jikkommetti reat iehor li ghalih hemm piena ta' prigunerija, u tikkonfermaha fil-kumplament. Din il-Qorti spjegat lill-appellant bi kliem car ir-responsabbilita` tieghu taht l-artikolu 28B tal-Kap. 9 jekk

huwa jikkommetti matul il-perijodu operattiv reat li ghalih hemm piena ta’ prigunerija. Inoltre tattira l-attenzjoni tar-Registratur ghad-dmirijiet tieghu skond is-subartikolu (8) ta’ l-artikolu 28A tal-Kap. 9.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------